Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

# INĦARSU 'L QUDDIEM

tm
Transport Malta




Sa nofs is-snin 1800 l-uniċi mezzi ta' trasport tal-bniedem f'Malta kienu ż-żiemel, il-karettun jew il-kaless, u kabina fuq par roti kbar jew "is-suġġetta" għall-ipprivileġġjati.

ta' Laura Sue Mallia

Imbagħad bejn wieħed u ieħor fl-1850 daħal l-omnibus, li kien karozza tal-linja miġbuda minn żiemel u kien iġorr sa 16-il passiġġier f'daqqa, segwit mill-unika ferrovija li qatt eżistiet f'Malta madwar l-1883, li kienet tmexxi linja bejn l-Imdina u l-Belt Valletta.

Fl-1905 deher sinjal bikri tal-metodu ta' trasport li aħna familjari miegħu llum, fil-forma ta' karozzi tal-linja li ġew importati f'Malta. Il-vetturi bil-mutur ġew introdotti f'Malta madwar l-Ewwel Gwerra Dinjija fl-1914. Dak iż-żmien kienu meqjusa bħala kumdità, u ftit nies setgħu jaffordjaw li jixtru waħda, prinċipalment l-Ingliżi u l-klassi l-għolja. Imbagħad sal-1919 kien beda s-suq tal-karozzi użati u aktar Maltin setgħu jaffordjaw li jkollhom karozza, tant li llum hija prattika komuni li familja jkollha aktar minn vettura waħda.

F'dan ir-rigward, matul l-aħħar deċennji l-aspettattivi tagħna tal-mobilità nbidlu b'mod konsiderevoli. Ħafna minna issa jistgħu jaffordjaw li jivvjaġġaw lejn postijiet differenti faċilment u bil-kumdità, mingħajr ma jaħsbu darbtejn biex jużaw mezzi alternattivi ta' trasport biex jaslu fejn iridu. Għamilna tranżizzjoni biex sirna komunità dipendenti fuq il-karozzi, u dan wassal għal żieda fit-traffiku tal-karozzi, li rriżultat f'aktar tniġġis tal-arja minħabba l-exhaust u l-konġestjoni.

Madankollu, peress li l-pajjiż jagħti aktar importanza lill-kisba ta' sostenibbiltà akbar b'mod ġenerali, il-fokus tagħna jeħtieġ li jiġi dimensjonat mill-ġdid lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet, li jista' jieħu ħafna forom, prinċipalment teknoloġiċi u fl-attitudni tagħna. F'dan ir-rigward "sostenibbiltà" hija l-buzzword riċenti li drajna biha u ppenetrat kważi kull aspett tal-istil ta' ħajja tagħna. Filwaqt li ħafna huma lesti li jħaddnu mod ta' għajxien aktar sostenibbli, dan il-kunċett xorta jista' jidher astratt għal xi wħud. Meta dan jitqiegħed fil-kuntest tat-trasport lokali, hemm lok għal bidla kemm għall-benefiċċju tal-ambjent, taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

It-tranżizzjoni lejn mezzi ta' trasport aktar nodfa, bħall-vetturi elettriċi, qed issir aktar importanti. Il-mikromobilità, li tirreferi għal klassi ta' vetturi li huma tipikament żgħar u ħfief u joffru soluzzjonijiet ta' mobilità li huma bi prezz baxx u effiċjenti ħafna fl-enerġija, ukoll qed ikollha rwol dejjem aktar importanti. Dawn il-vetturi jinkludu roti, pedelecs (roti elettriċi fejn il-pedala tar-rikkieb tkun assistita) u e-kick scooters. Filwaqt li din il-forma ta' mobilità hija ġdida għall-gżejjer Maltin, qed turi l-potenzjal li tippenetra minħabba l-problemi tat-trasport, bħall-konġestjoni, speċjalment f'żoni li ta' kuljum jimtlew bit-traffiku u fejn wieħed diffiċli jsib fejn jipparkja.

***IRRIDU NAĦSBU WKOLL DWAR IL-POSSIBILTÀ LI NUŻAW AKTAR MINN FORMA WAĦDA TA' TRASPORT BIEX NASLU FID-DESTINAZZJONI TAGĦNA. DAN JISSEJJAĦ "TRASPORT MULTIMODALI" U JISTA' JGĦINNA NASLU GĦAL MOBILITÀ TAJBA U KOMDA B'EFFETT MINIMU FUQ IS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM U L-AMBJENT.***

